

Brussell, 27 ta' Marzu 2020  
(OR. en)

7044/20

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2017/0122(COD)**

---

**CODEC 221**  
**TRANS 139**  
**SOC 179**

**NOTA PUNT "I"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Abbozz ta' <b>REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL</b> li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward tar-rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet tas-sewqan ta' kuljum u fil-ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perijodi ta' mistrieħ ta' kuljum u fil-ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi <b>(l-ewwel qari)</b> - Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

---

1. Fil-31 ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha<sup>1</sup>, ibbażata fuq l-Artikolu 91(1) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-18 ta' Jannar 2018<sup>2</sup>.
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fl-1 ta' Frar 2018<sup>3</sup>.

---

<sup>1</sup> 9670/17.

<sup>2</sup> ĠU C 197, 8.6.2018, p. 45.

<sup>3</sup> ĠU C 176, 23.5.2018, p. 57.

4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-4 ta' April 2019<sup>4</sup>.
5. Fl-20 ta' Frar 2020, il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari rigward l-abbozz ta' Regolament imsemmi hawn fuq<sup>5</sup>.
6. Fl-20 ta' Marzu 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel li jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari. It-test tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari<sup>6</sup> huwa disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet li tinsab fl-addendum għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.
7. Fin-nuqqas ta' laqgħat tal-Kunsill u fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/430, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub:
  - għall-adozzjoni tal-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar l-abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward tar-rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet tas-sewqan ta' kuljum u fil-gimġha, il-pawżi minimi u l-perijodi ta' mistrieħ ta' kuljum u fil-gimġha u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi kif tinsab fid-dokument 5114/20 u d-Dikjarazzjoni tar-raġunijiet kif tinsab fid-dokument 5114/20 ADD 1.

---

<sup>4</sup> 7731/19.

<sup>5</sup> F'konformità mal-ittra tat-23 ta' Jannar 2020 li ntbagħtet mill-President tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu tal-Parlament Ewropew lill-President tal-COREPER, waqt it-tieni qari, il-Parlament Ewropew għandu japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi.

<sup>6</sup> 5114/20 + ADD 1.